MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 402/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**John Mifsud**
**-omissis-**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 244558(M).

Akkuzat talli:

Bejn Marzu 1999 u Frar 2002 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali kif ukoll bhala

Direttur tas-socjeta’ *Oak Tree Company Limited*, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma ta’ €74,931.28, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu; u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.
Semghet ix-xhieda ta’ Connie Azzopardi ghad-Dipartiment tal-VAT li ddikjarat li l-ammont kollu li kien dovut thallas pjenament.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda ssib lill-imputat John Mifsud hati tal-akkuza kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------